MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-8 ta' April, 2011

Talba Numru. 474/2010

**Matsurv and Associates Limited (C-46332)**
**Vs**
**Tal-Herba Company Limited (C-12227)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas ta’ elf, tliet mija disgha u disghin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€1, 399.42) rapprezentanti servizzi ta’ *surveying* rezi lis-socjeta’ konvenuta skont *statement* anness mat-talba immarkat bhala Dok ‘A’.

Minkejja diversi talbiet ghall-hlas dan baqa’ ma sarx. Ghalhekk is-socjeta’ attrici kellha tirrikorri ghal din il-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghax.

Ra li kien hemm risposta tardiva min-naha tas-socjeta' konvenuta izda ma kien hemm ebda kontestazzjoni dwar dan min-naha tas-socjeta' attrici.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn intqal illi kien minnu li gew rezi diversi servizzi izda t-talbiet gew kontestati stante li huma eccessivi u ezagerati u l-ammont mitlub ma jiriflettix l-ammont verament dovut.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Ra u sema' x-xhieda ta' Mario Attard Trevisan.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Mill-provi tal-kaz jirrizulta li din hija talba dwar l-allegati hlas ta' servizzi ta' *land surveying* rezi lis-socjeta' konvenuta. Mario Attard Trevisan rapprezentant tas-socjeta' attrici, xehed illi l-ammont kif mitlub fit-talba kien ghadu dovut u s-servizzi kienu jikkonsistu f'diversi *on site land inspections*. Illi skont ix-xhud, il-fatturi huma bbazati fuq numru ta' sieghat ta' xoghol. Illi ma kienetx l-ewwel darba li kienu ghamlu xoghlijiet ghal din is-socjeta' u dejjem kienu jithallsu.

It-Tribunal ra l-fatturi ezebiti mis-socjeta' attrici kif ukoll dokumenti li juri l-hinijiet mahduma mis-socjeta' attrici.

It-Tribunal ra li fis-seduta tad-9 ta' Frar, 2011 is-socjeta' attrici ghalqet il-provi taghha u t-Tribunal iddiferixxa l-kawza ghall-provi kollha tas-socjeta' konvenuta. It-Tribunal ra li minn dak inhar li l-kawza thalliet ghal zewg seduti ohra ghall-provi tas-socjeta' konvenuta izda ma deher hadd. Ra ukoll illi sa mill-ewwel seduta li thalliet ghall-provi fl-24 ta' Jannar, 2011 ma kien deher hadd ghas-socjeta' konvenuta.

Ra li b'kollox it-Tribunal zamm zewg seduti ghall-provi tas-socjeta' konvenuta izda kemm id-difensur tas-socjeta' konvenuta kif ukoll rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ghalkemm imsejjhin tlett darbiet qatt ma dehru quddiem dan it-Tribunal.

It-Tribunal huwa tal-fehma li jirrizulta nuqqas serju ta'nteress f'din il-kawza min-naha tas-socjeta' konvenuta.

Ghalhekk, wara li sema' u ra l-provi kollha, t-Tribunal huwa sodisfatt illi s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elf tliet mija disgha u disghin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€1,399.42) bl- imghaxijiet mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez sopportati mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------